MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 2450/2003/1

**Salon Services Limited**

**vs**

**David Bajada u Alex Lapira**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvneuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mitejn u disgha u sebghin lira Maltin (Lm1279.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija kosnistenti f'prodotti tax-xaghar mibjigha u

kkonsenjati mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti fuq inkatigu taghhom.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenuti m’ghandhomx ihallsu xejn lill-atturi izda huma l-atturi li ghandhom ihallsu lilhom.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba prezentata mill-konvenuti fejn huma talbu li s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallashom is-somma ta elf, tlett mija u hames liri Maltin rapprezentanti import tal-prezz ta’ reklamar u spejjes maghmula mill-konvenuti ghas-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjes u bl-interessi.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn hija eccepiet li t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti hija nfondata kemm bhala fatt u kemm bhala dritt stante lli dan ma jirrizultax u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ George Bonello u ta’ David Bajada. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijeit.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta attrici timporta u tbiegh fuq is-suqlokalli prodoti tax-xaghar u oggetti ohra konnessi filwaqt li l-konvenuti huma propjetarji u jiggestixxu numru ta’ *hairdressing salons*. Il-partijiet kellhom ftehim bejniethom liema ftehim kien jinvolvi obbligu da parti tal-konvenuti li juzaw u jbieghu esklussivament prodotti tas-socjeta’ attrici fis-*salons* taghhom. Is-socjeta’ attrici min-naha l-ohra kienet ifformulat sistema ta’ punti u *vouchers* li kienu jinghataw lill-konvenuti ma kull fattura ta’ il-fuq minn Lm35.00. Il-kundizzjonijiet ta’ dan il-ftehimm jinsabu riportati fid-dokument li jinsab esebit a fol. 45 et seq. tal-process.

L-ammont li qed jintalab fil-kawza odjerna jirrigwarda prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-prodotti in kwsitjoni effettivament gew mibjugha u kkosnenjati izda l-konvenuti jikkontendu li ghandu jkun hemm tpacija bejn l-ammont mitlub u l-ammont ta' Lm1305.00 li huma nefqu fuq inkarigu tas-socjeta' attrici f'*promotional activities* u *advertising*. F'dan ir-rigward huma esebew riklam li deher f'publikazzjoni lokali (a fol. 39) kif ukoll l-ircevuta relattiva u zewg ricevuti ohra rigwardanti *promotional campaigns*. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti ma resqux provi li jindikaw fuq bilanc ta' probabilitajiet li dawn l-ispejjes saru ghan-nom tas-socjeta attrici jew altrimenti li l-istess socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li thallas dawn l-sipejjes. Inoltre f'pagna numru 8 tal-ftehim applikabbli bejn il-partijet, taht it-titolu Advertising Expenses insibu is-segwenti:-

*"Salon Services supports all types of advertising. Once the salon owner has obtained the approval from our company, initially will pay the full amount and after presenting the receipt addressed to Salon Services, an additional discount of 10% will be deducted from every iinvoice till the full amount is completely settled. "*

Il-fatturi relattivi li ghalihom saret referenza aktar il-fuq huma kollha intestati lill-konvenuti u apparti l-fatt li, kif diga' inghad ma giex pruvat li huma gabu l-approvazzjoni tas-socjeta' attrici qabel ma nkorrew l-ispejjes li issa qed jippretendu lli jithallsu taghhom mis-socjeta' attrici, jidher ukoll li huma ma segwewx il-ftehim applikabbli bejn il-partijiet in kwantu jirrigwarda *advertising expenses*. Dan ifisser li huma ma jistghux jesigu l-pagament ta' dawn l-*advertising expenses* minhghand is-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba rikonvenzjonali taghhom ma tistghax itntlaqa' u l-anqas tista' ssir tpacija tal-ammont mitlub minnhom mas-somma li tjifforma s-sorte f'din il-kawza.

Il-konvenuti inoltre sostnew lli is-socjeta' attrici kienet irrilaxxjatilhom *xi vouchers*, liema *vouchers* jinsabu esebiti a fol. 42 u huma qeghdin jippretendu lli l-valur ta' dawn il-

*vouchers* jitnaqqas mill-ammont l qed jintalab f'din il-kawza. It-Tribunal jidhirlu li dawn il-*vouchers* ma kienux jikkostitwixxu *credit notes* izda kienu jifurmaw parti minn skema mahruga mis-socjeta' attrici intiza sabiex tippromuovi l-prodotti taghha. Mill-provi jirrizulta li s-socejta' attrici kellha diskrezzjoni assoluta li tistabbilixxi l-mod u l-manjiera li biha setghu jigu utilizzati dawn il-*vouchers* u fil-fatt fuq wara tal-istess *vouchers* hemm indikati il-*conditions of exchange*. Inoltre minn ezami ta' dawn il-*vouchers* jirrizulta li dawn kolha skadew fis-sena 2003 u f'dati qabel dik li fiha giet intavolata l-kawza odjerna. Jidher ghalhekk li l-pretensjoni tal-konvenuti in kwantu jirrigwarda l-*vouchers* hija wkoll infondata.

Ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talba rikonvenzjonali tal-istess konvenuti, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u disgha u sebghin lira Maltin (Lm1279.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi."

L-aggravju tal-konvenuti fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu wiehed prettament ta' valutazzjoni tal-fatti fl-ambitu tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal. Provi dawn li jikkonsistu essenzjalment minn esebizzjoni ta' dokumenti u x-xhieda ta' George Bonello, rapprezentant tas-socjeta` attrici, u dik tal-konvenut David Bajada. L-appellanti jikkontendu li fuq il-bazi tal-provi prodotti minnhom huma pprovaw il-premessi tat-talbiet taghhom mentri, invece, huwa t-Tribunal li ghamel apprezzament hazin u wasal ghal konkluzjoni zbaljata. Konsegwentement huma talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tigi akkolta t-talba rikonvenzjonali taghhom;

Fl-ewwel lok minn ezami anke superficjali ta' l-atti processwali jigi osservat illi l-appellanti strettament ma jikkontestawx l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. Huma

invece, qed jirrezistu l-hlas in bazi ghall-kontenzjoni illi huma ghandhom jiehdu ammont akbar minghand is-socjeta` attrici u ghalhekk kellha ssehh tpacija. Kien ghal din ir-raguni li huma pproponew kontro-talba. Fuq l-affermazzjoni tal-konvenut David Bajada, l-appellanti jippretendu li ghandhom jigu rimborsati minghand is-socjeta` attrici appellata ammont korrispondenti ghal spiza ta' reklamar u ta' *stands* specifikament maghmula ghall-prodotti tas-socjeta` attrici kif ukoll valur ta' *vouchers* rilaxxjati lilhom mis-socjeta` attrici;

Huwa elementari in bazi ghar-regola tal-piz tal-prova "*onus probandi incumbit ei qui dicit*" illi jispetta lill-konvenuti rikonvenzjonanti li jgibu prova sufficjenti ta' l-ezistenza tal-fatt kostitutiv tad-dritt affermat minnhom. Din l-esigenza logika hi determinanti ghall-formazzjoni u konvinciment f' min hu msejjah biex jiggudika. Hu proprju minhaba dan il-fini illi d-dixxiplina fil-piz tal-prova ssir kriterju biex jigi regolat il-gudizzju fuq l-att allegat. Jekk allura din il-prova ma ssirx jew tibqa' wahda incerta, u mhux adegwatament sostenuta, dan jitraduci ruhu fi zvantagg a kariku ta' min hu hekk gravat li jforni tali prova, sodisfacentement u konkludentement;

Mir-rizultanzi processwali, riferibilment ghall-kwestjoni tat-tmiem tar-relazzjonijiet negozjali bejn il-kontendenti, jidher li l-versjonijiet huma ftit jew wisq kontrastanti. Hekk mentri r-rapprezentant tas-socjeta` appellata jafferma li kienu l-konvenuti li xtaqu jitterminaw il-kuntratt, il-konvenut David Bajada jsostni illi fl-ahhar laqgha ma' George Bonello "kien fil-fatt gie deciz li jiehu lura l-i*stock* u ghalhekk kien ittermina l-ftehim ta' bejnietna". Fil-hsieb tal-Qorti, in kwantu ghal din il-materja, it-terminazzjoni tar-rapport kontrattwali ma kienetx decizjoni unilaterali ta' xi wiehed mill-partijiet imma pjuttost decizjoni volontarja unitament konkordata;

Dan apparti, il-vera kwestjoni ghall-attenzjoni u gudizzju ta' din il-Qorti mhix essenzjalment din, imma jekk l-

appellanti ezonerawx bi provi certi u perswasivi l-oneru nkombenti fuqhom li jaghtu dimostrazzjoni tal-pretensjoni taghhom;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa car li ebda sussidju ma tista' tigi rikavata, bhala element favorevoli ghat-tezi ta' l-appellanti, mill-kontenut tad-disposizzjoni kontrattwali riportata mit-Tribunal fis-sentenza tieghu. Dan b' referenza ghall-kwestjoni tar-reklamar. Ibda biex din il-Qorti ma taqbelx illi r-reklam esebit a fol. 39 sar eskluzivament a beneficcju tas-socjeta` attrici. Dan jidher manifestament wisq ovvju minn semplici verifika *ictu oculi* ta' l-istess reklam. Fuq kollox ma hemmx prova, jew ghallanqas din ma tinsabx sew korroborata, illi s-socjeta` attrici kienet preventivament approvatu u akkonsentiet ghalih jew, del resto wkoll, qablet dwar programm promozzjonali televisiv. Anke jekk mhux kjarament riportata fix-xhieda traskritta ta' David Bugeja, jidher donnu li l-appellanti ma kienux baghtu fatturi lis-socjeta` attrici jew ghallanqas li dawn il-konvenut ma kienx jiftakar jekk kienux hekk intbaghtu;

Dwar l-i*stands* ma jidherx li hu l-kaz li l-ispiza erogata ghalihom tigi rimborsata. Preliminarjament ma jirrizultax li kien hemm inadempjenza kontrattwali kolpuza fis-socjeta` appellata li taghti lok ghal xi danni. Kif gja rilevat, jidher li l-kuntratt gie mitmum bi qbil reciproku. Fit-tieni lok tonqos il-prova certa li dawn l-i*stands* kienu manifatturati jew akkwistati appozitament ghall-prodotti tas-socjeta` attrici. Fit-tielet lok jidher li dawn l-istess *stands* baqghu fil-pussess ta' l-istess appellanti u mhux improbabbli li dawn l-i*stands* baqghu, u, forsi wkoll, hekk ghadhom jintuzaw minnhom;

Dwar il-kwestjoni tal-*vouchers* huwa veru li kif ragonat mit-Tribunal dawn ma jikkostitwux "*credit notes*" imma kienu ntizi biss bhala parti minn skema mnedija mis-socjeta` attrici fil-promozzjoni tal-bejgh tal-prodotti taghha. B' danakollu jixraq fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tal-fatt tar-

rizoluzzjoni amikevoli tal-kuntratt, u specjalment ta' l-ittra konfermatorja ta' l-istess socjeta attrici (fol. 35), konsiderati wkoll li ma jidherx li hu possibbli lanqas li dawn il-*vouchers* jissarrfu fi prodotti tas-socjeta` appellata, illi din il-Qorti tippropendi versu l-ekwita`, sostrat dan baziku tal-gudizzju tat-Tribunal [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380], u b' hekk tammetti l-valur ta' l-istess *vouchers*. Valur dan ta' *vouchers* li skond Dok. DB2 (fol. 42) jassomma ghal tliet mija wiehed u sittin lira Maltija (Lm361). Huwa xieraq ghalhekk li l-ammont reklamat mis-socjeta` appellata jigi ridott b' din is-somma.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' in parte biss l-appell devolut lilha u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li qed tikkundanna lill-appellanti jhallsu lis-socjeta` attrici, oltre l-interessi, is-somma ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltija (Lm918). L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew kwart mis-socjeta` appellata u tliet kwarti mill-appellanti. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------